**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 20 - IT-TLIETA 27 TA' LULJU 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal fit-20:10) |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| Pubbliku: | Kien hemm żewġ persuni preżenti għal parti mil-laqgħa. | |

Hekk kif bdiet il-laqgħa s-SE informa li l-Kunsillieri Muscat Fenech Adami u Sammut kienu infurmawh li ma setgħux jattendu minħabba impenji ta' xogħol filwaqt li l-Kunsillier Gatt kien infurmah li se jittardja.

## 1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Il-Kunsill għadda biex jikkunsidra u japprova l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

1.2. Il-minuti ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

1.3. Il-Kunsilliera Miceli staqsiet dwar il-proposta tal-*mobile toilets*. Is-SE informa li huwa kien kiseb xi stimi fuq kirja għal tul ta' żmien iżda l-kumpanija li tissuplixxi dawn it-*toilets* ma kinitx interessata li tidħol għall-proposta tal-Kunsill. Kien hemm qbil li jsir kuntatt ma' kumpaniji oħra u jekk ma jkunux interessati ma nibqgħux nippruvaw.

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET

2.1. Is-SE informa li dak inhar stess kienet saret laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika għall-inħawi tan-Naxxar mill-Ministeru tar-Riżorsi dwar il-proġett tal-għargħar. Infatti kienet ġiet imtella' wirja għal dak inhar biss fil-kuriduri taċ-Ċentru Ċiviku li kienet tinkludi x-xogħol li kien ippjanat li jsir.

2.2. Is-SE informa li l-proġett ta' Triq in-Naħal kien jinsab fi stadju avvanzat ħafna kif kien jinsab ukoll ix-xogħol fuq Triq il-Qoton u Triq is-Sgħoda.

2.3. Il-Kunsillier Brincat staqsa dwar l-ittra li kien bagħat f'Ġunju Stanley Fenech. Is-SE wieġeb li huwa kellu l-impressjoni li kienet ġiet skennjata u mibgħuta lill-Kunsillieri iżda dwar dan ried jiċċekkja.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' ĦLASIJIET

3.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' ħlasijiet pendenti li kienet approvata u ffirmata mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mis-SE. Il-lista hija annessa f'A.

## 4. IL-PREPARAMENTI GĦALL-ĠEMELLAĠĠ MA' MORNAGO

4.1. Is-SE ta rendikont tal-preparamenti li qed isiru fl-okkażjoni tal-ġemellaġġ ma' Mornago. Huwa fakkar li kien bagħat il-programm taż-żjara lill-Kunsillieri kollha u li kien qiegħed iħeġġeġ parteċipazzjoni sħiħa mill-Kunsillieri.

4.2. Is-SE informa li kien għadu qed jistenna risposta mill-Palazz u għalhekk is-Sindku wegħdet li se tkellimhom.

4.3. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Gatt.

4.4. Is-SE informa wkoll li l-i*scouts* kienu impenjaw bis-sħiħ biex jippreparaw l-ikel tal-Ġimgħa 6 ta' Awwissu f'nofsinhar u anki filgħaxija. Il-Kunsill se jissuplixxi l-ikel kollu. Il-Kunsill kien infurmat li l-i*scouts* se jieħdu sehem ukoll permezz ta' parata.

4.5. F'dan il-ħin ġew diskussi ideat għar-rigali għal din l-okkażjoni fejn issemmew *liqueurs*, bizzilla u xi oġġetti tal-fuħħar.

4.6. Is-Sindku infurmat li għall-ikla tat-Tnejn kollox kien ikkonfermat u rnexxiela tikseb ħut b'xejn.

4.7. Is-SE informa li qed jirranġa biex l-Erbgħa 11 ta' Awwissu ssir żjara lill-istudju ta' Luciano Micallef u anki lis-Santwarju tal-Ħniena Divina.

4.8. Is-Sindku infurmat li fit-12 ta' Awwissu mhux se tkun Malta u għalhekk talbet biex l-ikla li kellha ssir dak inhar issir jum qabel u fit-12 issir dik ta' Villa Mdina.

## 5. TMIEM IL-LAQGĦA

5.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa filwaqt li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 24 ta' Awwissu fis-19:30pm. Il-ħin kien id-21:16.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

A

**Lista ta' Pagamenti - Laqgħa Nru. 20**

| **Supplier** | **Description** | **Invoice No** | **Ammount** |
|---|---|---|---|
| ADI Associates | Planning Application Reviews - June 2010 | 738 | 95.67 |
| Allied Newspapers | Advert on Times of Malta re L-Istorja Tmexi s-Sengha (Reentered due to mistake in amount) | ASI399950 | 70.80 |
| Archway Ironmongery | Items Purchased | 30759 | 119.82 |
| Archway Ironmongery | Items Purchased | 30768 | 221.29 |
| Archway Ironmongery | Items Purchased | 30773 | 249.87 |
| Assocjazzjoni Trasport Pubbliku | Circular Bus Service - April - June 2010 | | 3,458.81 |
| Calypso Media Communications | L-istorja tmexxi s-sengha june 2010(booking order 5004), Advertising and Outside broadcast | 5760 | 570.18 |
| Cleansing Services Dept. | Cleaning & Attendance - Public Conveniences - June 2010 | 60295 | 889.34 |
| Cleansing Services Dept. | Latrine Attandance - 20 JUNE | 2009295 | 35.40 |
| Clinton Sammut | Councilor Remuneration (Tax which was previously witheld) | | 120.00 |
| Commissioner of Inland Revenue | NI & FSS - May 2010 | | 1,820.92 |
| Commissioner of Inland Revenue | NI & FSS - June 2010 | | 3,255.90 |
| Commissioner of Police | Police Services - 06/08/10 @ Salin Picnic Area between 11am - 12 midnight | | 124.41 |
| Creative Refurbishing Centre | Executive Chair for Conference room | 2679 | 123.90 |
| Enemalta Corporation | Update of Database, Form A, Demarcation Charges | 1800000397 | 274.94 |
| Firm Salvatore Caruana | Flag Poles & Accessories - PO3342 | 116438 | 122.64 |
| G4S Security Services | CIT Services - June 2010 | 463 | 152.20 |
| Georgina Grima | Nursing service-June 2010 | | 298.96 |
| GO plc | Rental charge & Call Charge | 23966109 | 251.15 |
| GO plc | Normal line Business: Rental & consumption | 23966116 | 364.20 |
| GO plc | Normal line Business :Rental& Consumption | 23966110 | 20.38 |
| Guard & Warden Service House | Traffic Management L-Istorja Tmexxi s-Sengha (to cancel previous invoice) | 2204 | 744.48 |
| JB STORES LTD | Curtain material, Sheers , B-out ,Lining - PO3333 | 25758 | 600.00 |
| Jesmond Atkins | One Day Demonstration (gbejniet) L-Istorja Tmexxi s-Sengha | | 110.00 |
| Leo's Garage Paramount | Transport services- 15june-30june | 22690 | 90.71 |
| Leo's Garage Paramount | Transport services- 15june-30june | 22652 | 349.64 |

A

| | | | |
|---|---|---|---|
| Mailbox Services Ltd | Distribution of Reggio & Lifelong Learning Flyer | 110 | 117.75 |
| Marsovin | La Fonte Still Water | 50153 | 20.82 |
| Media Link Communications Co. Ltd | website advert | 43852 | 127.12 |
| Melita plc | TV Services | 28928030 | 1.08 |
| Mfelectrix | mini spiral , strip light etc | 48071 | 375.20 |
| MITA | April-June 2010 e-mail accounts | 23426 | 54.87 |
| MITA | Maintenance & Support of Wide Area Connectivity Jul-Sept 2010 | 2344 | 416.85 |
| Northern Cleaning Group Ltd | Servizz ta' Gbir ta skart - June 2010 | NXR 6/ 10 | 6,786.33 |
| Opus 33 | 2 Picture Frames - PO3323 | 6578925 | 26.00 |
| Pandora Canework | Naxxar Fest | | 60.00 |
| Parisio Household Store | Wall Clock for Conference room - PO3344 | 38005 | 33.00 |
| Permanent Secretary OPM (ITSD) | Advert Published in The Independent 07/07/2010 | | 38.75 |
| Pizza Planet | Refreshment for workers during l-Istorja Tmexxi s-Sengha | | 43.00 |
| PrintIT | A5 Programme Qty 6000 | 4987 | 157.50 |
| R&G Hardware Stores | Paint - PO3329 | 25324 | 22.41 |
| R&G Hardware Stores | Paint - PO3326 | 25319 | 86.00 |
| R&G Hardware Stores | 2x 10LTS Macpherson Plastic emulision- Embassy - PO3330 | 25336 | 86.00 |
| R&G Hardware Stores | 1x 10 LTS Macpherson Plastic emulision- Embassy - PO3332 | 25346 | 43.00 |
| R&G Hardware Stores | Paint & Ballart - PO3336 | 25406 | 26.22 |
| Snow White Laundry | Cleaning of Flags - PO3328 | 369060 | 30.00 |
| Country Garage | Road Barriers (behind church) | | 236.00 |
| Vodafone Malta Ltd | Telephony Service June 2010 | 2013277072010 | 188.85 |
| **TOTAL** | | | **23,512.36** |